31998L0015

L 67/29 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 7.3.1998

# ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 98/15/KE
## tas-27 ta' Frar 1998
## li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE dwar ċerti ħtiġiet stabbiliti fl-Anness I ta' l-istess direttiva

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 91/271/KEE tal-21 ta' Mejju 1991 dwar it-trattament ta' l-ilma ta' l-iskart urban (1) u, partikolarment, il-paragrafu 3 ta' l-Artikolu 5, ta' l-istess direttiva,

Billi r-rekwiżiti għal tnixxijiet minn impjanti tat-trattament ta' l-ilma ta' l-iskart urban għal wesgħat sensittivi li huma suġġetti għal ewtrofikazzjoni kif elenkat fit-Tabella 2 ta' l-Anness I tad-Direttiva 91/271/KEE ta lok għal problemi ta' interpretazzjoni li huwa importanti li jiġu ċċarati; billi huwa għalhekk meħtieġ li tiġi emendata it-Tabella 2 ta' l-Anness I tad-Direttiva;

Billi l-miżuri li hemm previst għalihom f'din id-Direttiva iħarsu l-opinjoni tal-Kumitat li hemm previst għalih fl-Artikolu 18 tad-Direttiva 91/271/KEE,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

L-Anness I għad-Direttiva 91/271/KEE huwa emendat skond l-Anness ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex tiġi mħarsa din id-Direttiva sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 1998. Għandhom mill-ewwel jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw il-miżuri msemmija, dawn għandu jkollhom riferenza għal din id-Direttiva. Inkella għandha ssir referenza għal din id-Direttiva dakinhar tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi dwar kif issir din ir-riferenza għandhom jiġu preskritti mill-Istati Membri.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ għoxrin jum wara d-data tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, is-27 ta'Frar 1998.

*Għall-Kummissjoni*

Ritt BJERREGAARD

*Membru tal-Kummissjoni*

---

(1) ĠU L 135, tat-30.5.1991, p. 40.

*L-ANNESS*

It-Tabella 2 ta' l-Anness I tad-Direttiva 91/271/KEE qed jinbidel b' dan li ġej:

"*Tabella 2:* Rekwiżiti għal tnixxijiet minn impjanti ta' l-ilma ta' l-iskart urban għal wesgħat sensittivi li huma suġġetti għal ewtrofikazzjoni kif identifikat fl-Anness II.A(a). Parametru wieħed jew it-tnejn li huma jistgħu jiġu applikati, skond is-sitwazzjoni lokali. Il-valuri għall-konċentrazzjoni jew għall-perċentwal tat-tnaqqis għandhom jgħoddu.

| Parametri | Konċentrazzjoni | Perċentaġġ Minimu tat-Tnaqqis ([1]) | Metodu ta' Referenza tal-Kejl |
|---|---|---|---|
| Fosforu Totali | 2 mg/l (10 000-100 000 p.e.)<br>1mg/l (iktar minn 100 000 p.e.) | 80 | Molecular absorbtion spectrophotometry |
| Nitroġenu Totali ([2]) | 15-il mg/l (10 000-100 000) ([3])<br>10-il mg/l (iktar minn 100 000 p.e.) ([3]) | 70-80 | Molecular absorbtion spectrophotometry |

([1]) Tnaqqis relatat mat-tgħabija ta' l-influent.

([2]) Total ta' nitroġenu ifisser it-total tan-nitroġenu Kjeldahl totali (nitroġenu organiku u nitroġenu fl-ammonja), in-nitroġenu fin-nitrati u n-nitroġenu fin-nitriti.

([3]) Dawn il-valuri tal-konċentrazzjoni huma medji annwali kif imsemmi fil-Paragrafu D.4(ċ) ta' l-Anness I. Madankollu, ir-rekwiżiti tan-nitroġenu jistgħu jiġu verifikati permezz tal-medja ta' kull jum meta jkun hemm provi li, skond il-Paragrafu D.1 ta' l-Anness I, jinkiseb l-istess livell ta' protezzjoni. F'dan il-każ, il-medja ta' kull jum m'għandhiex taqbeż l-20 mg/l ta' nitroġenu totali għall-kampjuni kollha meta t-temperatura mill-effluwent tar-reattur bioloġiku tkun ogħla minn 12-il grad Celcius. Il-kondizzjonijiet tat-temperatura jistgħu jinbidlu b'limitu impost fuq il-ħin ta' l-operazzjoni biex b'hekk tkun kunsidrata l-klima reġjonali."